TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 119/16-F

Celine Barbara & Michelle Bartolo
Vs
MicroMedia Ltd

Illum, 4 ta' Awissu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Ġunju, 2016, fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erbgħa mija u disgħejn Ewro (€490) rappreżentanti prezz ta' laptop li kellu ħafna problemi li ma tranġawx.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti u innota li l-intimat ma deherx u l-anqas issotometta risposta għalkemm debitament notifikat

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtraw laptop mid-ditta intimata u wara xahar bdew il-problemi. Marlu il-keyboard, u dan kien irranġat. Il-bieba tas-CD kienet tinqala u marlu l-ispeaker ukoll u qed jeħel.

L-intimat ma deherx u l-anqas ma issottometta risposta minkejja li kien notifikat u jidher li ma għandux interess u

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa it-talba tar-rikorrenti in parte u jordna li is-soċjeta intimata tħallasha l-ammont ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888